MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 234/2014

**M. Demajo (Timbers) Ltd (C750)**

**vs**

**Fino Enterprises Limited (C4056)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat nhar is-16 ta' Lulju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' sebat elef,

hames mija, sitta u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€7,576.68) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija, mibjugha u kkonsenjata lilha, oltre ghal servizzi ohra ancillari, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok. A, bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorjuipprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta’ konvenuta mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, minn issa ingunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta kienet giet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-*Court Messenger* Connie Pullicino datata 14 ta’ Novembru 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta’ konvenuta kif moghti mis-socjeta’ attrici.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta’ attrici M. Demajo (Timbers) Limited li giet ipprezentata fis-7 ta’ Jannar 2015 li permezz taghha qieghda tirriduci t-talba b’mitejn ewro (€200) u ghalhekk it-talba attrici hija ghal sebat elef, tlett mija u sitta u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmi (€7,376.68) oltre l-imghax u l-ispejjez kif mitluba fl-Avviz.

Semghet lil Anthony Rossi jixhed ghan-nom tas-socjeta’ attrici fis-seduta tas-7 ta’ Jannar 2015 u jikkonferma illi s-socjeta’ konvenuta ghamlet pagament ta’ mitejn ewro fil-mori tal-kawza u li llum l-istess socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sebat elef, tlett mija u sitta u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmi (€7,376.68) oltre l-imghax u l-ispejjez kif mitluba fl-Avviz.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015 is-socjeta' konvenuta giet imsejjha izda ma dehritx, biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta dakinhar tas-7 ta' Jannar 2015.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2015 is-socjeta' konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha sabiex twiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ridotta ta' sebat elef, tlett mija u sitta u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmi (€7,376.68) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez tal-kawza, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-ahhar invoice mibghuta lis-socjeta' konvenuta u cioe' mit-30 ta' Awwissu 2012 ghad-debitu tas-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------